MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Numru. 213/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Daniel Xerri ta’ 38 sena, iben Emanuel u Victoria nee` Borg, imwieled in-Naxxar fit-23 ta’ Marzu, 1969 u residenti gewwa numru 108, Triq Santa Marija, Naxxar. ID152469(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoniji migjuba kontra l-imputat u cioe` talli:

1. Nhar it-13 ta’ Marzu, 2008, ghal habta ta’ 10.00am u fi zminijiet ta’ qabel, minn gewwa No. 108 Triq Santa Marija, Naxxar, ghamel jew xjentament zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu xi sustanza esplosiva taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu

bir-ragun jahseb illi huwa ghamilha, zammha jew kienet ghandu ghal hsieb mhux lecitu.

2. U aktar tall fl-istess data, hinijiet lok u cirkostanzi dahhal f'Malta porvli ta' l-isparar, jew esplosivi ohra, inkella fetah jew zamm fabbriki tal-porvli jew xogholijiet tan-nar, inkella fabbriki ohra fejn jinhadmu porvli jew esplosivi ohra minghajr licenza mill-Kummissarjut al-Pulizija. Din il-licenza ma tigix mghotija kemm il-darba ma jittihdux il-prekawzjonijiet mehtiega ghall-harsien tal-hajja u tal-propjeta.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali tas-6 ta' Gunju, 2008;

Semghet il-provi;.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet li l-imputat ma kellux oggezzjoni biex dan il-kaz jigi trattat bil-procsedura sommarja;

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni mghamulha mill-imputat u fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Illi l-Qorti tosserva illi ghar-rigward tat-tieni u tat-tielet akkuza, hemm l-applikazzjoni ta' l-artikolu 17 tal-Kap 9 peress illi il-konkors materjali tar-reat u kwindi l-Qorti sejra tghaddi biex tghati piena ghal reat aktar gravi.

Illi dar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa ta' l-imputat, l-ammissjoni tieghu u l-fatt illi huwa ikkollabora bis-shih mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17 u 313 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3, 9, 27, 28 u 29 tal-Kap 3 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fikl-konfront tieghu u tikkundannah ghal pienta ta' sittax (16) il-xahar prigunerija liema perjodu ta' prigunerija b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jidi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qeghda twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------